Minuti tal-Laqgħa Nru. 3 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. GAL Xlokk M 413.A6 (Attivita kulturali b' konessjoni ma' Jum Hal Luqa)
4. Ħarġa għall Għawdex
5. Korsijiet tal-Kompjuter
6. Skemi
7. Korrispondenza
8. Affarijiet oħra

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 2.2 il-Kunsillier Caruana qal li dan kellha tinkiteb resident u mhux residenti. Fuq punt 2.1 din mhux Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra imma kellha tkun il-mod ta kif inhuma t-toroq f' din l-akkwata u kif inhu t-traffic management bħalissa.

1.2 Fuq punt 2.3 il-Viċi Sindku qalet li din kellha tiġi bankina li hemm ċatta. Hija qalet ukoll li fil-minuti jrid ikun hemm inkluż dog litter bins peress li dawn kienu se jkunu iffinanzjati mir-Reġjun.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 GAL XLOKK M413.A6 (ATTIVITA KULTURALI B' KONNESJONI MA' JUM ĦAL LUQA

3.1 Is-Sindku tkellem fuq l-attivita li kienet se ssir nhar is-Sibt fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa. Huwa appella biex kulħadd jagħti daqqa t' id. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Caruana kien qed jieħu ħsieb jikkordina ma tal-Military Vehicles filwaqt li l-Kunsilliera Massa kienet qed tieħu ħsieb minħabba l-wirja tal-artiġjanat.

3.2 Is-Sindku semma li fl-ittri li ntbagħtu lill-Għaqdiet dawn kienu avżati li l-attivita se tibda minn Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

3.3 Il-Kunsillier Caruana ippropona biex inkellmu l-ħaddiema sabiex dawn jidħlu nhar is-Sibt biex ikun hemm it-toroq kollha nodfa minħabba l-attivita. Huwa semma wkoll li għandna niftiehmu mal-ħaddiema biex jidħlu wkoll il-Ħadd inaddfu. Is-Sindku qal li se jkun qed jieħu ħsieb hu rigward it-tindif.

3.4 Is-Sindku reġa ta briefing ta kif kien se jkun il-programm matul dik il-ġurnata. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kien ħa ħsieb sabiex l-Għaqdiet ikollhom l-armar kollu ipprovdut sabiex itellgħu l-proġett li kien intlaħħaq qbil fuqu mal-Kunsill Lokali.

## 4.0 ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX

4.1 Is-Sindku qal li bħall kull sena issir ħarġa għall Għawdex li tkun issusidjata mill-Kunsill. Din is-sena l-ħarġa hija ippjanata li ssir fid-9 ta' Lulju. Huwa semma wkoll li ġimgħa wara hemm ippjanata li ssir ħarġa għall persuni b' diżabilta. Fuq il-ħarġa għall persuni b' diżabilta s-Sindku qal li nistgħu nerġgħu nippruvaw nagħmlu cruise bil-Captain Morgan.

4.2 Il-Kunsilliera Massa qalet li meta saru ħarġet għall persuni b' diżabilta ikun hemm bejn 14 u 15 il-ruħ.

4.3 Il-Viċi Sindku qalet li nistgħu nippruvaw ninkluduhom aktar fil-ħarġiet li jorganiżża l-Kunsill. Il-Kunsilliera Massa irrispondiet li kemm il-darba aħna ippruvajna imma l-attendenza tkun baxxa.

**5.0 KORSIJIET TAL-KOMPJUTER**

5.1 Il-Viċi Sindku qalet li kienet tkellmet ma Ray Abela fuq il-korsijiet tal-kompjuter, fejn huwa kien issuġġerrixxa biex issir press conference u b' hekk ikun inawgurat ukoll iċ-ċentru tat-taħriġ.

5.2 Is-Sindku semma li mill-flus li jkun hemm minn xi courses li jekk ikun xi surplus dawn jistgħu jintużaw biex minhom jinxtara apparat u affarijiet oħra għall benefiċċju ta dan iċ-ċentru biex b' hekk jibqa jsir investiment għall dawk li jużaw il-post.

**6.0 SKEMI**

6.1 Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera li fuq il-Family Park ta' Ħal Farruġ kien hemm xi xogħolijiet li ma kinux previsti u kellhom isiru bilfors, biex tlesta dan il-proġett, fost dawn kien hemm il-ġibjuni li kienu mitluba mill-MEPA, l-boundary wall li kellu jsir akbar minn dak li kien hemm ippjanat anki biex ikun aktar ta saħħa u l-ħamrija peress li dik li kien hemm ma kinitx ta' kwalita tajba u biex kien livellat sew il-post. Dawn ix-xogħolijiet kienu obbligatorji.

6.2 Is-Sindku kompla spjega li aħna se nkunu qed nagħmlu talba għall fondi addizzjonali li tinkludi fosthom il-varjazzjonijiet imsemmija hawnhekk.

6.3 Is-Sindku semma li għalkemm kien hemm bosta bandli fil-post dawn kienu mxerrdin u l-post baqa jidher li huwa battal mill-playing equipment. Huwa semma li kif kien il-pjan oriġinali li jsir bandli n-naħa l-oħra li kienet għadha mhux żvillupata kienet se toħloq problema ta safety peress li jista jkun hemm tfal li jaqsmu t-triq biex imorru minn naħa għall oħra. Is-Sindku qal ukoll li l-idea hija ibbażata wkoll fuq rakkomandazzjonijiet li ddiskuta l-Kumitat Amministrattiv fuq il-proġett u li bħala Kumitat kien hemm qbil fuqhom.

6.4 Is-Sindku għalhekk ippropona biex il-Bandli li kienu se jsiru in-naħa l-oħra issiru fejn hemm il-Bandli fil-preżent u n-naħa l-oħra li bħalissa għadha ma kinitx żvillupata ikun hemm lattrini u faċilitajiet u jsir proġett b' konsultazzjoni minn qabel mar-residenti. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma din il-proposta.

6.5 Is-Sindku qal li fuq in-naħa li għadha ma ġietx żvillupata dan jista jsir proġett flimkien mal-privat.

**Il-Kunsillier Camilleri daħal għall-laqgħa fis-6.25 pm peress li huwa attenda għall laqgħa fuq l-iskemi kulturali lill-Kunsilli Lokali.**

6.6 Il-Kunsillier Bruno qal li jista jkun hemm team tal-futbol għall Ħal Farruġ li juża dan il-post, fiż-żona jkun hemm ukoll bar li minn ikun qed jieħu ħsieb il-post jkollu income minnu u fl-istess ħin isir il-maintenance.

6.7 Il-Kunsillier Camilleri tkellem fuq konferenza li għaliha huwa kien attenda dwar skema tar-restawr. Huwa qal li bħala Kunsill se napplikkaw biex issir restawr tal-istatwa ta Sant' Andrija li hemm fi Triq il-Karmnu kif ukoll tal-istatwa tal-

Kunċizzjoni li hemm fejn il-Knisja.

6.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-iskema tal-attivitajiet kulturali issa se ssir applikazzjoni fuq tlett snin fejn il-Kunsill jingħata €15,000 kull sena. L-applikazzjoni meta ssir l-ewwel darba trid tkun tkopri l-attivitajiet li jkunu se jsiru fuq bażi ta' tlett snin bit-tema tal-V18. Wara dawn it-tlett snin imbagħad titella stand ġewwa l-Belt tikkonċerna l-attivitajiet li jkunu saru.

## 7.0 KORRISPONDENZA

7.1 Il-Kunsillier Caruana qal fuq id-dog litter bins semma diversi żoni fosthom fejn l-Iskola, Triq Ġużeppi Ellul, Triq il-Gudja, Triq il-Mitjar u fejn il-playgroud peress li f' dawn iż-żoni kien hemm ħafna ħmieġ tal-klieb.

7.2 Is-Sindku issuġġerrixxa biex id-dog litter bins isiru l-aktar fejn m' hemmx residenti billi f' dawn il-postijiet l-iktar li jkun hemm abbużi.

7.3 Il-Viċi Sindku qalet li kienet kellmitha Jacqueline fuq il-Pets Day fejn qalet li din tista ssir fl-20 ta' Settembru. Hija qalet li għall din l-attivita anki nistgħu nġibu lil tad-Dogs Trust. Is-Sindku qal li huwa kien diġa tkellem ma' Jacqueline fuq l-istess suġġett u kien qed isir kordinament fuq din l-attivita.

7.4 Is-Sindku qara email fuq konferenza E2Stormed li se ssir barra minn Malta. Huwa ssuġġerrixxa biex napplikaw għaliha bħala Kunsill.

7.5 Is-Sindku semma li se jsir kors Webcheck biex napplikkaw għalih sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jżidu l-preżenza tagħhom online.

7.6 Is-Sindku tkellem fuq applikazzjoni għall Europe for Citizens għall dawk il-Kunsilli li għandhom ġemellaġ.

7.7 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm skema tal-Greenpak bl-isem irriċikla għall Istrina fejn jinġabru tappijiet tal-plastic u minhom jingħataw flus lil karita fl-Istrina. Hija qalet li l-Kunsill jista' jinvolvi ruħu f' inizjattiva bħal din biex nagħmlu karita. Hija qalet ukoll li se tkun qed tgħaddi l-posters lill-Kunsill fuq din l-inizjattiva.

7.8 Il-Viċi Sindku qalet li kellha laqgħa mal-librar tal-iskola fejn tkellmu fuq il-librerija u l-bżonnijiet li hemm. Hija ppreżentat rapport waqt il-laqgħa tal-Kunsill fuq is-sitwazzjoni preżenti.

7.9 Il-Kunsilliera Camilleri għaddiet materjal lill-Kunsill f' forma ta' leaflets u korrispondenza fuq kors li attendiet għalih li jinvolvi taħriġ fuq agriturismo fejn nistgħu nattendu għalih. Hija qalet ukoll li dan huwa miftuħ għall kulħadd. Is-Sindku qal biex jekk hemm minn hu interessat jagħmel kuntatt.

## 8.0 AFFARIJIET OĦRA

8.1 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fuq it-tabelli li jindikaw fuq il-fruntieri tal-lokalita li hemm fi Triq Ħal Qormi sa fejn tasal il-fruntiera ta' Ħal Luqa fuq din in-naħa.

8.2 Il-Kunsilliera Camilleri qalet li ma kienx hemm sinjali tan-No Entry fejn il-Każin

tal-Labour. Is-Sindku qal li kienu saru tabelli bil-ħinijiet li huma pjuttost viżibli.

8.3 Il-Kunsillier Caruana semma li f' Wesgħet Dun Joe Camilleri hemm minn qed jipparkja ħażin li qed jagħlaq Triq Pawlu Magri. Is-Sindku qal li huwa se jmur jara s-sitwazzjoni kif qiegħda.

8.4 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm diversi postijiet fejn hemm reinstatment tal-WSC li dan qed jinżel bħal Triq G Tragance u Triq C Decandia peress li mhux qed isir xogħol sewwa. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex nerġgħu niktbu lil-WSC.

8.5 Il-Kunsillier Caruana qal li huwa kellu laqgħa mal-istaff ta SVPR fejn tkellmu fuq l-istray cats li dawn anki qed jidħlu fejn ir-residenti. Huma kienu tal-parir li l-Kunsill għandu jagħmel kmamar tal-injam biex ikunu jistgħu jidħlu fihom u jitimgħuhom. Dawn il-kmamar ikunu daqs ta' persuna. Is-Sindku qal li l-ewwel għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jara xi spejjeż hemm minn qabel ma jagħmel xi ħaġa bħal din.

8.6 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq ir-railing ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku qal li kienet saret talba lil Housing fuq dan il-każ peress li huma suppost jieħdu ħsieb xogħolijiet ta manutenzjoni fejn hemm Housing Estates tal-Gvern.

8.7 Il-Kunsillier Caruana saqsa minn kienet dik il-persuna responsabbli mit-tindif tal-Monti. Is-Segretarju irrisponda li huwa kien diġa ġablu d-dettalji u se jerġa jgħaddihomlu.

8.8 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm tal-Convenience Shop li kien kellmu biex jagħmel bin fejn il-ħanut. Is-Sindku qal li huwa kien jaf bil-problema tal-iskart li kien hemm u kien mar biex ikellmu imma minn kien inkarigat kien imsiefer.

8.9 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu inkellmu lil tal-ELC biex dakinhar tal-attivita ta' Jum Ħal Luqa iġibu l-fjuri maz-zuntier tal-Knisja.

8.10 Is-Sindku qal li meta jkun hemm il-Mużew minn naħa tar-Reġjun se jibda jipprovdi wardens lill-Kunsill Lokali biex dawn jagħlqu t-toroq waqt li jkunu ħerġin jew deħlin il-Mużew. Il-Kunsillier Camilleri qal li fejnhemm is-sorijiet ikun hemm warden meta tispiċċa l-Iskola.

8.11 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq il-Wilġa ikun hemm sewqan eċċessiv. Is-Sindku qal li meta huwa se jkollu l-meeting mal-Ispettur se jkellmu fuq din il-problema.

8.12 Il-Kunsillier Caruana semma fuq il-problema tal-vetturi li jgħaddu minn New Street. Is-Sindku qal li huwa kien diġa għamel pressjoni fuqha imma se jerġa jkellem li Transport Malta fuq il-każ.

8.13 Is-Segretarju ressaq l-iskeda tal-ħlasijiet lill-Kunsilliera fuq il-pagamenti li kien hemm għall approvazzjoni. Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq pagament t' €20,000 li kien hemm lill Polidano Group. Is-Segretarju spjega li dan kien parti mill-ħlas li kien hemm dovut fuq Triq Ħal Saflieni.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 10 ta'Ġunju 2015 fis-7.15 pm. Kien hemm il-perjodu tal-ewwel ġimgħa ta Lulju propost għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

_____________________ _____________________

John Schembri<br>Sindku

Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv